**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**
**Owen Cucciardi, detentur tal-karta tal-identità 528084M**

Kumpilazzjoni Nru. 264/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Owen Cucciardi talli:

a) nhar il-15 ta Marzu, 2014, għall-habta ta bejn is-sitta u kwart u s-sebgha u nofs ta filghodu (0615hrs – 0730hrs) gewwa diversi toroq gewwa dawn il-Gzejjer saq, ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura ghamla Mistubishi tip Pajero bin-numru tar-registrazzjoni HBB382 fit-toroq jew postijet pubblici wara li kkonsuma alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs jew fid-demm jew fl-urina kien aktar mil-limitu preskritt mil-Ligijiet ta Malta;

b) nhar il-15 ta' Marzu, 2014, ghall habta ta bejn is-sitta u nofs u is-sebgha u nofs ta filghodu (0630hrs – 0730hrs), gewwa Triq San Pawl, Naxxar volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u cioe` elf sitt mija, hamsa u sebghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1675.66) u dan ghad detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija;

c) nhar il-15 ta Marzu, 2014, gewwa Triq San Pawl, Naxxar ghal habta ta' xi hin bejn is-sitta u nofs u s-sebgha u nofs ta filghodu (0630hrs – 0730hrs) bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1327 Anthony Galea wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq il-vettura tal-ghamla Mistubishi tip Pajero bin-numru tar-registrazzjoni HBB382, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

d) nhar il-15 ta Marzu, 2014, ghal habta ta bejn is-sitta u kwart u s-sebgha u nofs ta filghodu (0615hrs – 0730hrs) gewwa diversi toroq gewwa dawn il-Gzejjer naqas li jobdi ordnijiet legittimi t'awtorita cioe ta' PC1591 Nicholas Borg u PC1327 Anthony Galea persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixkel waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li huwa kien aghmel skond il-ligi jew b'xi mod iehor;

e) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqq vettura ghamla Mistubishi tip Pajero bin-numru tar-registrazzjoni HBB382 b'manjiera traskurata kbira, u perikoluza;

f) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jsuq l-imsemmija vettura naqqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

g) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, bla kont, traskuraggni,negligenti, bi speed ecessiv u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku; u

h) ukoll f'lokk publiku jew f'post miftuh ghal publiku, kien fis-sakra f'mod li ma kienx jista jiehdu hsieb tieghu nnifsu

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Lulju, 2014, permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[1]

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.96

Illi primarjament l-imputat hu akkuzat b'tentattativ ta' ferita gravi fuq ufficjal tal-Pulizija, bi hsara volontarja u b'reati kontra l-Ordinaza dwar it-Traffiku.

Illi l-Ispettur Josric Mifsud xehed kif kien gie infurmat minn ufficjali fir-Rapid Intervention Unit, (RIU), illi kienet giet arrestata persuna wara li kien gie segwit u mwissi sabiex jieqaf mill-pulizja, minflok ma waqqaf il-vettura tieghu, baqa jsuq ghal fuqhom. Din il-persuna li kienet ukoll ttiehdet ghal breathalyser test kienet anke ghamlet manuvra biex tolqot pulizija tat-traffic izda minflok laqat vettura tal-RIU li saretilha hsara fl-ammont ta' €1675,66.[2] Xhin wasal l-Ghassa l-Ispettur sab lill-imputat u wara li halla ftit zmien jghaddi peress li kellu riha qawwija ta xorb, ittiehdietlu stqarrija. Fl-istqarrija minn tieghu Cucciardi nnega li kien induna li kien hemm xi pulizija jaghtuh ordnijiet u jsegwuh kif ukoll innega li kien saq fid-direzzjoni tal-pulizija. Cucciardi ammetta li kien qed jixrob fil-lejl ta' qabel izda baqa ma ammettiex li kien ghamel kwazi siegha jipprova jahrab lill-pulizija. In kontro-ezami l-ispettur qal li l-vettura tal-pulizija spiccat bil-bumper ta' quddiem imtajjar u li kienet giet msewwija.[3] Fl-istqarrija[4] tieghu l-imputat jghid li *"Jien ma ghamiltx U-turn, jien skidjajt dort u il-pulizija laqtuni."* Bhala raguni ghala ma waqafx jghid li dan kien ghax beza *"Ghax kif rajt il-pulizija aktar bzajt...nghid li kif nara l'uniformi, nibza."*[5]

Illi Karen Formosa in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet li l-vettura HMM382 kienet registrata f'isem l-imputat sa mis-16 t'Ottubru, 2008.[6]

Illi PC1591 Nicholas Borg spjega kif fil-15 ta' Marzu, 2014, ghal xi 6.15am u meta kien diga sebah, kien fi triq tas-Salini li minn Kennedy Grove taghti ghat-Telgha t'Alla u Ommu, meta nnota xufier isuq bil-mobile. <u>Daqqlu l-horn biex jieqaf izda dan ma tax kaz</u>. Baqa warajh sabiex jerga jersaq hdejh biex idoqqlu l-horn halli jieqaf mal-genb izda minflok dan qabez zewg vetturi li kien hemm quddiemu fejn kien hemm *continuous white line*.[7] L-insegwiment ipproceda fejn anke <u>iddaqitlu is-sirena u mhux biss il-horn</u> izda dan xorta ma waqafx, ghalhekk giet infurmata l-

[2] Dok. JM1, a fol.9
[3] Fol.49
[4] Dok.JM4 fol.12 et seq.
[5] Fol.13
[6] Fol.27
[7] Fol.51

Control Room u intalbet l-assistenza mir-RIU.[8] *"Tlajna l-Gharghur Bypass l-ewwel roundabout....Wasalna l-ahhar roundabout...lejn in-naha ta' San Gwann fejn il-Petrol Station....Ghaddejna t-Triq tal-Ballal kollha, xhin wassalna fejn il-Mekkek darli ghal Triq tal-Ibragg....inzilna quddiem il-Halland Hotel, bqajna nizlin quddiem il-Knisja tal-Ibragg........... u hemmhekk tliftu, quddiem il-BOV ma baqax hiereg lejn il-Jessie Bar il-lights, it-traffic lights, dar fuq ix-xellug, hemmhekk tliftu....... Imbaghad fuq ir-radio stess ftit sekondi wara kollega tieghi ntaqa' mieghu kien diehel minn fejn il-Mekek, minn fejn dhalt jiena stess hu kien hiereg. U raha din il-vettura hierga kontra minn fejn dhalna qabel."*[9] Dwar il-velocita` jghid li kienu madwar 90km[10] filwaqt li jikkonferma li la kien hemm nida u lanqas xita izda it-triq kienet niexfa.[11] Dan il-fattur hu rilevanti galadarba l-imputat kien qal lill-Ispettur Mifsud li hu kien skiddja bil-vettura.

Illi PC1327 Anthony Galea spjega kif wara li sema fuq ir-radio lil PC1591 jitlob ghall-assistenza, hu u diehel minn naha ta' Mdina Road lemah karozza HBB382 hierga n-naha ta' barra, *"Ergajt dawwart ghal warajh u soqt ghal warajh it-Triq tal-Ballal ghal fuq. X'hin wasalna fejn ir-roundabout fejn hemm Gharghur Road, Gharghur Bypass ghamiltlu sinjal biex jieqaf, infatti kien hemm karozza quddiemu, naqqas daqxejn dak il-hin, kif resqet il-karozza reggha saq dritt ghat-triq tal-Knisja. Hin minnhom dahal go Triq Nutar Debono. Kien hemm il-karozza tal-mobile warajna tal-RIU u ppruvat issakkarlu t-triq. In the meantime reggha rriversja, jien kont warajh dak il-hin kwazi laqatni, u reggha saq il-barra ghal Triq il-Knisja. Dar ghal Triq San Pawl, kif qbadna sejrin ghal Triq San Pawl ghamel u-turn ohra kif ha naqbdu nizlin ghal fejn Villa Arrigo fejn il-Knisja. Reggha saq fid-direzzjoni tieghi, infatti jiena tfajt daqxejn mall-genb bil-mutur, laqat il-karozza tal-RIU u baqa sejjer. In the meantime jiena kont ergajt sejjer insuq ghal warajh u l-karozza tal-mobile ma stajtx nghaddi sew biha. U minn hemmhekk gibed ghan-naha tat-Trade Fair ghax bqajt narah. Hemmhekk tlift u ma bqajtx narah izjed u bqajt infittxu fl-akkwati hemmhekk. …. bqajt sejjer lejn il-Knisja infittex fl-akkwati l'hemmhekk, imbaghad fuq ir-radio smajthom jghidu lil tal-RIU li sabu l-karozza pparkjata. Lili regghu ghajtuli biex nikkonferma l-bniedem ghax jiena nahseb l-unika bniedem li rajtu face to face x'hin waqqaftu hdejn ir-roundabout, u kkonfermajt li huwa hu."*[12] fejn gharraf lill-imputat.

[8] Fol.52
[9] Ibid.
[10] Fol.93
[11] Fol.54
[12] Fol.55-56

Ix-xhud ikompli jispjega *"kont warajh dan il-hin kollu, x'hin ghamel il-u-turn hu reggha saq fid-direzzjoni tieghi, infatti jiena kelli nitfa fuq in-naha l-ohra tat-triq biex ma nigix milqut. Infatti kien hemm il-karozza tal-mobile warajja ppruvat taghlaqlu t-triq ukoll u spicca dahal go fiha wkoll u baqa sejjer."*[13] Dwar il-kundizzjoni tat-triq jikkonferma *"B'xorti tajba l-kundizzjoni tat-triq ma kinitx xita u kienu tajbin….Tajbin ghalija bhala mutur hekk biex insuq ghax fis-sitwazzjoni tax-xita ma tistax issuq dak is-sewqan li kien qed isuq hu hux."*[14] In kontro-ezami jghid li sabiex ma jintlaqatx mill-imputat kellu jmur fuq in-naha l-ohra ta triq *"It-triq hija li jghaddu zewg karozzi z-zewg nahat, issa dan ghamel u-turn u reggha saq fuq in-naha fejn kont jien."*.[15] Galea jghid li l-vettura tal-pulizija intlaqtet fejn il-bumper u fejn il-fanal u li d-daqqa giet *"Mis-side proprja ghax hi l-karozza ppruvat taghlaqlu t-triq imma ma lahqitx forsi dak il-mument ghax hu, ghax hu reggha dawwar u reggha saq ippruvat taghlaqlu t-triq u ma lahqitx, infatti x'hin ippruvaw jergghu idawruha ghal warajh jiena qishom ibblukawli daqxejn it-triq u ma stajtx nerggha nitlaq mall-ewwel ghal warajh b'hekk tliftu dak il-hin jien."*[16]

PC 1302 Clint Zammit stazzjonat mal-RIU xehed kif hu kien ma PC 1488 Charlon Mizzi meta gie infurmat mill-Control Room li Pulizija tat-Traffic kellu bzonn assistenza. Jghid li malli wassal Triq tal-Ballal, in-Naxxar, lemah l-istess vettura gejja fid-direzzjoni opposta bi speed eccessiv ta iktar minn 100 km.[17] Zammit jaghti spejgazzjoni dettaljata ta' dak li sehh wara li l-Qorti tqis li hi importantissima in vista tal-akkuzi kif migjuba: *"…. warajh kien qieghed isuq pulizija tat-traffic PC 1327, ghalhekk dak il-mument jiena dawwart u soqt ghal warajhom, saqu fid-direzzjoni tal-Knisja tan-Naxxar ghal Parish Street. Dak il-mument hu s-Sur Owen Cucciardi dahal f'side street u jiena tfajt quddiemu sabiex inwaqqfu u jieqaf…. kif dahal f'Parish Street naqqas ghax kien jaf illi ha jdawwar hu. Nimmagina li ghalhekk naqqas. Kif tfajt quddiemu jien irriversja b'konsegwenza li kien ha jtajjar lil PC 1327, tal-mutur…. Irriversja ghax x'hin tfajt jiena quddiemu sakkartu u l'quddiem ma setghax imur. Allura reggha rriversja ghal [Triq] Parish Street. Dak il-hin kien ha jtajjar lil tat-Traffic. Li ma resaqx jigifieri jtajru kien. Irriversja u reggha saq Parish Street direzzjoni opposta ghal Knisja issa minn fejn gejna. Tat-traffic PC 1327 saq warajh u jiena soqt warajhom, u jiena soqt fuq ix-xellug ghal Triq San Pawl. Kif saqa kollha t-triq lili qatani naqra dak il-hin, ghax sakemm ergajt*

---

[13] Fol.56
[14] Fol.57
[15] Ibid.
[16] Fol.59
[17] Fol.61-62

*dawwart qatani, izda kif wasalt ghall-ahhar tat-triq narah reggha dawwar hu u bil-pulizija tat-traffic warajh reggha u waqaft qisu boghod ta' zewg karozzi jiena, u sakkartlu t-triq. Kif sakkartlu t-triq reggha rriversja fuq il-pulizija tat-traffic u wara li rriversja saq ghal go fiha. Baqa diehel go fiha b'konsegwenza li ghamel hsara fil-vettura tas-servizz…. Laqatni fuq in-naha tax-xufier il-bonnet, mudguard..*"[18] Mistoqsi mill-qorti jekk setghax jghaddi minghajr ma joloqt lil kuntistabbli jghid li jekk seta' jghaddi dan kien bl-ezatt fejn setghet giet hazina ghaliex laqtu bi zbrixx.[19] Cucciardi kien halla l-vettura tieghu miftuha fi Pjazza Chelsea, in-Naxxar, bil-wallet tieghu fiha fejn anke kien hemm il-karta tal-identita` tieghu. Sussegwenetment wara xi ghaxar minuti rah gej u kien hemm li l-imputat gie arrestat.[20] In kontro-ezami jghid li l-**imputat kien biss zewg metri l-boghod mill-pulizija tal-mutur** meta rriversja u kien rriversja tul tal-wisa' tat-triq sabiex jerga jmur lura fid-direzzjoni opposta. **Jikkonferma li kieku l-pulizija tat-traffic ma resaqlux mit-triq hekk kif rah gej kien jolqtu.**[21]

PC1488 Charlon Mizzi, stazzjonat l-RIU, jikkonferma l-verzjoni ta' PC1302 Clint Zammit fejn jghid li hekk kif kienu "*ghaddejjin mill-Ballal qisu ghad-direzzjoni lejn San Gwann naraw il-vettura gejja d-direzzjoni kontra taghna lejn il-Parocca tan-Naxxar u pulizija tat-traffic jigri warajh. Dorna mar-roundabout u komplejna nsegwuh fejn minn hemmhekk gibed ghal Triq il-Parocca t-triq ta wara l-knisja. Hemmhekk pprova jdur ghal go side street fejn pruvajna naghlquh ahna billi ghalaqnielu t-triq izda hu minnufih, ahna konna kwazi ha ninzlu mill-karozza ghax hu ghall-mument just waqaf ibbreakja pero minghajr kaz ta xejn qabad irriversja filfatt dak il-hin kien ha jtajjar lil tat-traffic.....*"[22] Dwar l-ispazju li kien hemm biex jaghmel il-manuvra sabiex jirriversja jispjega: "*Fejn jirriversja kull ma kien hemm spazju qisu forsi ma nafx essac fuq ghajnejja li nista nghid, forsi tul ta karozza jew inqas jigifieri, fejn huwa qabad irriversja ma rajtux ihares lejn il-mera jigifieri ghax jiena kont in-naha tal-passiggier peress illi ma kontx qed insuq u gejt in-naha tieghu jigifieri n-naha tal-Pajero u minn hemmhekk harbilna reggha.*"[23] Dan il-kuntistabbli ukoll kkonferma li ma kienx hemm nida fuq it-triq.[24]

---

[18] Fol.62-63
[19] Fol.64
[20] Fol.66
[21] Fol.67
[22] Fol.70-71
[23] Fol.71
[24] Fol.74

Illi dwar il-hsarat li ggarrbu mill-vettura GVP 805 xehed PC71 Frans Zammit li pprezenta stima fl-ammont ta' €1238.80.[25]

Illi PS1451 Steven Crisp xehed li wara li kienu gew infurmati li l-vettura ta' Cucciardi instabet gewwa Pjazza Chelsea, in-Naxxar, hu kien mar fuq il-post fejn kien sab lill-imputat. Dan kien ittiehed ghall-*breathalyser test* gewwa l-Ghassa ta' San Giljan u nstab li r-rizultat kien ta' 64 ug/100ml.[26]Ix-xhud ikkonferma ukoll ir-rapporti mdahhla minnu.[27] Rilevantissimu hu l-fatt li r-rapport Dok. JM3 jindika li *"Owen Cucciardi also signed a declaration that he would cover all the damages caused by him to vehicle GVP-805"*[28] u fil-fatt din id-dikjarazzjoni giet ukoll esebita.[29] F'din id-dikjarazzjoni, li ma thalli ebda lok ghal ekwivoci, Cucciardi jikkonferma li l-hsarat saru waqt li l-vettura *"kienet qed tipprova timblokka l-vettura* [tieghu] *waqt li kien qed jigi segwit biex jitwaqqaf."*

Illi ghalhekk inkwadrati il-fattespece ta' dana il-kaz, il-Qorti issa trid tezamina jekk dawn jinkwadrawx ruhhom taht l-akkuzi imressqa kontra l-imputat.

Illi mill-atti processwali jirrizultaw ampjament ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni, dik ta' tentattiv tar-reat ta' offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1327 Galea, jigi rilevat illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara:

"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."[30]

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Lawrence Attard**:

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-**Professur Mamo** fejn ighid:

---

[25] Fol.76 et seq. Vide fol.79

[26] Fol.11. Din ix-xhieda issib konferma f'dak li jghid PC1139 Karl Matthew Cassar a fol. 104

[27] Fol.35. Vide Dok. JM2 a fol.37 et seq. u Dok. JM3 a fol. 43 et seq.

[28] Fol.45

[29] Fol.10

[30] **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**; Dec.Appell Kriminali 30/03/1998

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."* (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid
*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur **Francesco Antolisei** fit-tul u ikkonkludiet: *"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.*[31]

Ghalhekk qabel xejn irid jigi stabbilit jekk fil-mument illi l-imputat rriversja fejn kwazi laqat lil PC 1327,[32] huwa kellux l-intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq il-kuntistabbli Galea li kien ilu jsegwieh mill-By Pass tal-Gharghur u l-fatti juru li l-imputat kien ben konsapevili li kien qed ikun segwit mill-istess ufficjal.[33] Galea kien xehed li l-imputat kien gja kwazi laqtu ftit tal-hin qabel meta go Triq in-Nutar Debono kien hemm karozza tal-RIU li ppruvat issakru izda l-imputat kien irriversja u saq il-barra ghal Triq il-Knisja. Jixhed li *"kif qbadna sejrin ghal Triq San Pawl ghamel u-turn ohra kif ha nabdu nizlin ghal fejn Villa Arrigo fejn il-Knisja. Reggha saq fid-direzzjoni tieghi, infatti jien tfajt daqxejn mall-genb bil-mutur."*[34] Ix-xhud kien spejga kif hu kien baqa warajh il-hin kollu *"x'hin ghamel il-u-turn hu reggha saq fid-direzzjoni tieghi, infatti jiena kelli nitfa fuq in-naha l-ohra tat-triq biex ma nigix milqut."*[35]Fil-fatt l-imputat ukoll jammetti li kien ra l-pulizija ghax fl-istqarrija kien qal *"Ghax kif rajt il-pulizija aktar bzajt...nghid li kif nara l'uniformi, nibza."*[36] Minn naha tieghu PC 1302 Clint Zammit qal li l-imputat kien biss xi zewg metri l-boghod minnu meta kwazi laqtu. L-istess Zammit kien xehed ukoll li sabiex jirriversja ghal Parish Street, kieku Galea ma ressaqx kien certament jolqtu.[37]

---

[31] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Dec.2.09.2008 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima.
[32] Fol.62
[33] Fol.55
[34] Fol.55
[35] Fol.56
[36] Fol.13
[37] Fol.67

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi bir-reqqa ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat kien intenzjonat biss li jevadi l-kattura u l-arrest mill-pulizija aktar milli l-intenzjoni li jikkaguna hsara fuq PC1327 Galea. Tant hu hekk li PC1488 Mizzi xehed li l-imputat ghall-mument kien ha break u waqaf *"pero minghajr kaz ta xejn qabad irriversja filfatt dak il-hin kien ha jtajjar lil tat-traffic....... huwa qabad irriversja ma rajtux ihares lejn il-mera jigifieri…. ."* Ghalhekk mhux qed tinstab htija fuq it-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u cioe' dik tat-tentattiv tal-offiza gravi peress li ma jirrizultax li l-imputat kellhu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.

Illi r-raba, l-hames u s-seba imputazzjonijiet gew ampjament ippruvati. Jinghad izda li kemm il-hames kif ukoll is-seba imputazzjoni huma sostanzjalment identici u cioe' jinkwadraw taht l-artiklu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba imputazzjoni.

Illi fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikoli ghas-sitt imputazzjoni li tinkwadra taht ir-regolament 68 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.11) u ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Illi t-tmien imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi peress minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien fi stat fejn ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu, anzi ghal kuntrarju, irnexxilu jizgicca lill-pulizija f'zewg okkazzjonijiet f'temp qasir u b'hekk wera bic-cjar li kien kapaccissimu li jiehu kura tieghu nnifsu!

Illi in kwantu ghal piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kien instab hati ta' sewqan perikoluz u ta' reati kontra ufficjali tal-Pulizija kif ukoll dak li tigi kagunata biza f'terzi li ser tintuza vjolenza kontrihom. Ghalhekk il-Qorti certament ma tistax tittratta mal-imputat bhala xi first time offender u dan minkejja li ma giex akkuzat li hu ricediv.

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u mit-tmien imputazzjoni, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt u tas-seba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 325, 338(ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), (2), 15B, 15(H)(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha l-ohra u tikkundannah ghal 15 il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin, kif ukoll ghal multa ta' €1350.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**